L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 12 ta' Settembru, 2003

# Kurrenti

Xtaqt li l-kurrenti li ghaddejjin bhalissa rajthom gallerija b'kikkra kafè tajba quddiemi u maqtugha totalment minnhom. Imma, issa wasal iz-zmien li nqumu mir-raqda u nindunaw li qeghdin fl-istess dghajsa f'nofs il-kurrenti u mhux fuq ir-riva tax-xmara. U fil-fatt kien f'Rival del Garda li ltaqghu l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-25 (ut.sic.) membru godda ta' l-Unjoni Ewropea. U qieghed nghid 25 membru (ut.sic.) ghax veru ut.sic – ghax il-25 membru intqal li kienu prezenti ghal din il-laqgha fil-*webpages* tal-*Euractiv* – sorsi Ewropej li rrapportaw x'gara matulha lanqas biss indunaw li l-ministru taghna miskin ma kienx hemm. Forsi hasbu li l-banketta tieghu fuq il-mejda tan-negozjati tant kienet zghira li ma rawhx imam, assumew li kien hemm!

Ma tantx kont niehu pjacir li nigi rraportata li kont hemm mentri ma kontx hemm kieku kont jien. Il-prezenza ta' xi hadd ta' statura ta' Ministru ta' l-Affarijiet Barranin m'ghandhiex tkun minsija daqshekk malajr! Imma, insomma, issa l-aqwa li membri !

Issa, jekk forsi irid b'xi mod jew iehor il-Ministru jsir jaf xi zvilupp saru fl-assenza tieghu jien nista' noffrilu dan l-artiklu! U jahasra veru li tilifha din! Kif qieghda tizviluppa s-sitwazzjoni wara r-ratifikar tat-trattati ta' shubija hija arena ferm interessanti. Ghal xi hadd li jhares lejn il-politika bhala loghba cess grotteska nistghu nghidu li lahqet il-quccata taghha.

Difficli tghid min qieghed jipprova jikkomprometti lil min. Daqstant iehor difficli tghid min qieghed minn fuq u min qieghed minn taht u x'baqa' karti mohbija taht il-mejda.

Jidher li l-qasma bejn l-istati mhux talli ghadha hemm izda talli l-istati digà membri li ma kinux stati pijunieri qeghdin jizzeffnu intenzjonalmet fin-nofs. Primarjament kellna tliet kategoriji ta' stati. L-istati fundaturi li qeghdin jiddefendu l-abbozz tal-Kostituzzjoni Ewropea kif inhu s'issa. L-istati digà membri, izda li ma kinux fundaturi li, din id-darba xaqilbu lejn l-istati l-godda, u fl-ahharnett l-istati l-godda. Fuq in-naha ta' l-attakk zgur li kienu l-istati l-godda li f'daqqa wahda ma jridux jafu bl-ebda rizoluzzjoni li l-Kostituzzjoni tigi ratifikata kif inhi s'issa. Lanqas ma jridu li jkollhom x'jaqsmu man-nannu Valery Giscard D'Estaing u li ghalqulu l-bieb f'wiccu ferm 'il boghod minn kif wiehed jista' jsejjah bil-pulit.

Bazikament ghandna ghalxiex nistennew battalja fuq kull novità li qieghda toffri l-Kostituzzjoni Ewropea. L-istati l-godda, bil-Polonja fuq quddiem, qeghdin jopponu l-kap principali proposti fuqhom:

- Li jitnehha d-dritt li kull stat ikollu Kummissjonarju;
- Li titbiddel is-sistema ta' votazzjoni u li l-maggoranza kwalifikata tkun komposta minn maggoranza semplici li tirrapprezenta 60% tal-popolazzjoni (fejn ahna nibbrillaw!);
- Li tinqata' darba ghal dejjem is-sistema ta' rotazzjoni tal-Presidenza Kummissjoni;
- Li jkun hemm kariga ta' Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Ewropew;
- Li jkun jezisti prosekutur pubbliku ta' l-Unjoni;
- Li ma jissemmiex il-Kristjanezmu fil-Kostituzzjoni;
- U li titnehha l-klawsola ta' l-obbligi li stati jiddefendu 'l xulxin.

Dawn jidher li se jkunu l-iktar oqsma li se joholqu dibattitu fid-diskussjonijiet li se naraw ghaddejjin minn issa sa Dicembru li gej, wara l-btajjel tas-sajf. Kliem iebes lanqas ma nistghu nghidu li

naqas. Impressjonanti l-mod kif il-Ministru Pollakk ta' l-Affarijiet Barranin Wlodzlmierz Cimoszewicz indirizza l-laqgha. Huwa qal li xejn u hadd ma kien se jillimita d-dritt ta' xi stat li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu. Huwa rrefera ghall-fatt li xi 20 stat qeghdin jahsbuha l-istess dwar il-kostituzzjoni u li, *it is out of the question that we could endorse the draft Constitution as it is*. F'daqqa wahda milli jidher il-Pollakki, ghax hekk jaqblilhom, qeghdin jillimitaw biex jigi in forza, iktar milli l-Kostituzzjoni, it-Trattat ta' Nizza li skond Cimoszewicz stess huwa "Trattat Hares" li ma jistax ikun li jigi mibdul qabel ma qatt gie applikat.

U jekk wiehed jippermettili nikkummenta nahseb li oggettivament Cimoszewicz ghandu ragun. It-Trattat ta' Nizza li tant gab kontroversji mieghu u li ssarraf f'zewg referenda gewwa l-Irlanda u li ntuza bhala l-karrotta kemm ghall-istati l-godda biex isiru membri shah fl-Unjoni kif ukoll ghall-istati digà membri biex jaccettaw li l-membri l-godda jaqsmu l-istess *budget* maghhom, m'ghandux jigi mirkub mill-Kostituzzjoni qisu qatt ma kien.

Dan kien parti mid-dibattitu li n-naha tal-"Le" uzat u li mid-dehra, ghalkemm, id-dibattitu jidher li waqaf kemmxejn, xorta wahda l-eku tieghu ghadu jdur fl-imhuh mhux biss tal-kelliema Maltin izda wkoll ta' dawk barranin ta' l-istati membri l-godda.

Anzi mhux biss fl-imhuh ta' dawk li kienu kontra shubija shiha fl-Unjoni, izda wkoll ta' dawk li kienu ddecidew li jkunu favur, izda li malli jsiru membri jdawru l-istorja kif jixtiquha huma bhal Cimoszewicz innifsu.

Impressjonanti wkoll ir-reazzjoni tal-Germanja ghal dak kollu li kienet qieghda tara jigri quddiemha. Jien qatt ma kelli l-ebda dubju li s-sitwazzjoni setghet tirrisolva ruhha ghal dan l-istat. Dejjem issupponejtha. U issupponejt ukoll x'tista' tkun ir-reazzjoni ta' xi stat li m'hu se jaccetta qatt li xi pajjiz zghir ghadu hiereg frisk minn era twila ta' Kommunizmu jigi jikkmandah. Fil-fatt, Joschka Fischer, li jien nemmen li sahansitra ghandu ragun li jahsibha hekk! – zeffen il-flus tal-*budget* fin-nofs u widdeb lill-istati l-godda li jekk jinholqu diskussjonijiet li jtawlu l-process biex tigi ratifikata l-Kostituzzjoni l-gdida dan jista' jaffettwa bis-shih l-applikazzjoni tal-Prespettivi Finanzjarji l-Godda li ghandha ssehh mill-2006 sa l-2013 fejn se jsehhu riformi fil-Politika Agragja ta' l-Unjoni kif ukoll fil-Politika Regjonali.

Fischer donnu l-missier li qieghed iwiddeb lill-istati godda wliedu li ma jaghtihomx flus biex igeghilhom jobduh. Kumment iehor interessanti ta' Fischer deher li kien fil-kuntest ta' kemm il-Kummissjonarju ghandu jkollu kull stat membru. Mentri hafna stati nsistew li kull stat kellu jkollu Kummissjonarju, Fischer qal li jekk hu hekk il-Germanja kellu jkollha tnejn! Ma nafx hijiex xi tip ta' logika Germaniza din!

Dak li ma kien xejn sorprendenti kien li l-istati fundaturi – jigifieri – il-Germanja, Franza, Belgju, Italja, il-Lussumburgu u l-Olanda – kienu l-unici stati li accettaw il-Kostituzzjoni s'issa. Jista' dan jitfa' dawl fuq in-negozjati kif saru s'issa?

U jista' jkun li stati ohra membri, izda mhux fundaturi, kienu qeghdin jistennew l-istati l-godda jsiru membri biex imbaghad itellghuhom fid-dghajsa taghhom (jekk trid tghidha bil-pulit) jew jinqdew bihom (jekk trid tghidha b'inqas pulit) halli jghinuhom iwasslu l-messaggi taghhom? Jista' jkun dan jitfa' dawl ukoll fuq il-qsim li ezista s'issa fl-Unjoni ta' diga membri? Wiehed ghandu hafna x'jikkummenta u x'jifli fl-ewwel laqgha fejn l-istati l-godda setghu jitkellmu liberalment, wara li l-Unjoni, accettathom fi hdanha. Jista' jiehu hafna iktar minn pagna wahda ta' gazzetta ghalkemm jien ma nistax.

Hargu hafna attitudnijiet impressjonanti mil-laqgha izda l-aktar kumment impressjonanti zgur li seta' ghaddieh il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Malti! Nittama li ma kienx qieghed jehodha hu f'Ghajn Tuffieha, il-kikkra kafè, dak il-hin!

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net